# IL-KAŻ MORALI

## IL-LIGIJIET CIVILI U L-VALURI UMANI

Qamet diskussjoni bejn żewġ studenti universitarji li qed jiffrekwentaw il-fakultà tal-liġi. Carl afferma li l-parlament hu s-sede fejn isiru l-liġijiet tal-pajjiż, liema liġijiet jaffermaw u jesprimu d-drittijiet ċivili taċ-ċittadini. Joseph wieġeb illi d-drittijiet ċivili mhux dejjem għandhom fundament fin-natura tal-bniedem, imma jkunu mibnija fuq id-dritt tad-dinjità tal-persuna. Carl staqsa fuq min għandu dritt jgħid jekk ċerti drittijiet ċivili humiex drittijiet umani. Joseph wieġeb li l-libertà titlob il-verità, li permezz ta' dak li wieħed se jibni, se jibni l-veru binja tal-persuna. Hu sostna li fis-soċjetà għandu jkun hemm entitajiet li jaffermaw il-veru umaniżmu. Dan l-umaniżmu għandu jkun mibni fuq antropoloġija soda. Għal Joseph, il-Knisja, mingħajr ma tkun konfessjonali, tafferma dan l-umaniżmu mibni fuq viżjoni integra tal-bniedem. Carl aċċetta din l-opinjoni b'ċerta riserva għax skont hu jista' jkun hemm riflessjoni filosofika li wkoll tafferma dan l-umaniżmu integrali.

Kif qed ninnotaw l-oskurazzjoni tal-valuri fundamentali tal-bniedem fis-soċjetà tal-lum?

## INTRODUZZJONI

Il-Konċilju Vatikan II ipprova jinżel fil-fond ta' din il-problema. Fil-Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* nn. 25-26. waqt li tispjega għalfejn is-soċjetà hi neċessarja għall-bniedem, tigbed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-istess soċjetà tista' toskura l-valuri fundamentali tal-bniedem. Hekk, is-soċjetà stess tkun qed tfixkel lill-bniedem milli jkun bniedem sħiħ.

Min-natura soċjali tal-bniedem jidher ċar li l-perfezzjonament tal-persuna umana u l-iżvilupp tal-istess soċjetà jiddependu minn xulxin. Għaliex il-bidu, is-suġġett u l-fini tal-istituzzjonijiet soċjali kollha hija u għandha tkun il-persuna umana bħala dik, li minnha nnifisha, teħtieġ għal kollox il-ħajja soċjali. Fi ħdan is-soċjetà l-bniedem jikber fid-doti tiegħu kollha u jista' jwieġeb għas-sejħa tiegħu bir-relazzjonijiet mal-oħrajn, bid-dmirijiet lejn xulxin, bid-djalogu mal-aħwa.[1]

Għalkemm il-bniedem jirċievi ħafna mill-ħajja soċjali, b'danakollu ħadd ma jista' jiċħad li l-bniedem, miċ-ċirkustanzi soċjali li fihom jgħix u li fihom hu mgħaddas sa miċ-ċokon, bosta drabi hu mbiegħed mill-għemil it-tajjeb u miġbud lejn il-ħażin. Hija ħaġa ċerta li t-taħwid li sikwit jinqala' fl-ordni soċjali jiġi mill-kburija u l-egoiżmu tal-bniedem.[2]

Il-Konċilju japprezza il-fatt li *"llum, il-ġid komuni (il-ġabra ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-ħajja soċjali li jippermettu kemm lill-għaqdiet u kemm lill-membri wieħed wieħed li jiksbu l-perfezzjoni) qed isir dejjem aktar universali"*[3]. Madanakollu biex isseħħ il-vokazzjoni sħiħa tal-bniedem irid ikun hemm rispett għall-ġerarkija ġusta ta' valuri. Fuq dan il-K.K.K. jgħidilna li:

*Il-ħajja fis-soċjetà trid l-ewwelnett titqies bħala realtà ta' ordni spiritwali. Filfatt hi bdil ta' tagħrif fid-dawl tal-verità, użu tad-drittijiet u qadi tad-dmirijiet, inċentiv għat-tfittix tal-ġid morali, għaqda fil-ferħ nobbli ta' kulma hu sabiħ u li jsir skont il-liġi, dispożizzjoni dejjem lesta biex twassal lill-oħrajn l-aħjar tiegħek innifsek, u xewqa f'kulħadd ta' għana spiritwali dejjem akbar.*[4]

---

[1] *Gaudium et Spes*, n. 25,
[2] Ibid., n. 25
[3] Ibid., n. 26
[4] Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*,nn. 1886, 453.

# 1. L-ISKANDLU U S-SEDUZZJONI GĦALL-ĦAŻEN

Nisimgħu ħafna li fis-soċjetà tagħna naqas is-sens tad-dnub. Diġà l-Papa Piju XII fis-seklu għoxrin, b'mod profetiku kien qal: "*id-dnub tas-seklu hu n-nuqqas tas-sens tad-dnub*"[5]. Dan ġara għaliex il-bniedem, tant kemm dara jgħix f'soċjetà li l-ħin kollu tpoġġi quddiemu ideali żbaljati, bħal donnu m'għadux kapaċi jagħraf id-differenza bejn dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio et Paenitentia*, jistqarr dan u jgħid: "*il-kuxjenza ta' ħafna nies qed bħal donnha tiġi mċajpra... Meta jiġri dan, is-sens ta' Alla jibda jiddgħajjef, bil-konsegwenza li jintilef il-punt intern ta' referenza u hekk jintilef is-sens tad-dnub*". Waħda mill-kawżi ta' dan kollu hija "*l-aċċettazzjoni ta' mudelli etiċi imposti fuq l-individwu mill-kunsens ġenerali, anke jekk l-individwu fil-kuxjenza tiegħu ma jkunx jaqbel magħhom*".[6] F'dan id-dawl nistgħu nitkellmu mill-iskandlu u mis-seduzzjoni għall-ħażen.

## 1.1 L-Iskandlu

Fil-K.K.K. nsibu miktub li:

> *L-iskandlu hu atteġġjament jew imġieba li twassal lil ħaddieħor biex jagħmel dak li hu ħażin. Min jiskandalizza, ikun iġarrab 'l għajru. Jhedded il-virtù u t-tjieba. Jista' jwassal lil ħuħ għall-mewt spiritwali, għall-mewt tar-ruħ. L-iskandlu hu ħtija serja jekk b'għemil jew nuqqas ta' għemil iwassal lil xi ħadd ieħor biex jagħmel dnub gravi.*[7]

Hemm distinzjoni bejn skandlu u seduzzjoni. L-iskandlu hi kull azzjoni, tista' tkun anke tajba, li tista' twassal lil xi ħaddieħor biex jaqa' fid-dnub. Min jagħti skandlu għalhekk, jista' ma jkollux l-intenzjoni li jwaqqa' lil għajru fid-dnub. Madanakollu wieħed jista' jagħraf li b'għemilu se jpoġġi lil għajru f'periklu li jidneb.

---

[5] PAPA PIJU XII, Radju-messaġġ lil Kungress Kateketiku Nazzjonali tal-U.S. f'Boston (26 Ottubru 1946), in PAPA ĠWANNI PAWLU II, Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio et Paenitentia*, no. 18 (2 Diċembru 1984) .
[6] *Reconciliatio et Paenitentia*, no. 18.
[7] *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, no. 2284, 535.

Skandlu jista' jkun attiv jew passiv. Quddiem l-iskandlu l-persuna tista' tieħu attitudni attiva, jiġifieri taqa' għat-tentazzjoni u twettaq il-ħażen. Tista' tieħu wkoll l-atteġġjament passiv: li jista' jirriżulta fi tgergir u tkażar bl-azzjoni ta' min taha l-iskandlu jew f'reżistenza għall-iskandlu.[8]

Għalkemm semmejna l-azzjoni, l-iskandlu mhux bilfors ikun frott t'għemil. Jista' jiġi min-nuqqas ta' twegiba quddiem il-ħażin. Meta xi ħadd, speċjalment xi ħadd fl-awtorità, ma jieħux azzjoni quddiem il-ħażen u jippermetti dan il-ħażen, hu qed ikun ta' skandlu għan-nies l-oħra.

Il-K.K.K. jżid jgħid għalhekk li:

> *L-iskandlu jikseb gravità speċjali minħabba l-awtorità ta' min jagħtih jew minħabba d-dgħufija ta' min jieħdu. Dan wassal lill-Mulej itenni din is-saħta: "Min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija, ikun aħjar għalih li jdendlulu ma' għonqu ġebla tat-tħin minn dawk li jdawru l-ħmir, u jgħarrquh f'qiegħ il-baħar" (Mt 18,6; ara 1Kor 8,10-13). L-iskandlu hu gravi meta jagħtuh dawk li, min-natura tagħhom jew mill-uffiċċju tagħhom, huma fid-dmir li jgħallmu u jedukaw lill-oħrajn. Fuq hekk Ġesù ċanfar 'il-kittieba u 'l-fariżej: xebbahhom ma' lpup lebsin ta' ħrief (ara Mt 7,15).*[9]

## 1.2 Is-Seduzzjoni għall-Ħażen

Is-seduzzjoni għall-ħażen hu min-naħa l-oħra att gravi. L-intenzjoni ta' min jisseduċi għall-ħażen hi dik li jwaqqa' lill-persuna l-oħra fid-dnub. Għalhekk, f'dan il-każ, barra li wieħed iġorr ir-responsabiltà tal-iskandlu, hu responsabbli wkoll tal-għemil ħażin li wettqet il-persuna l-oħra.

Is-seduzzjoni għall-ħażen hi għalhekk skandlu mogħti b'intenzjoni diretta għall-ħsara tal-persuna l-oħra. Wieħed, min-naħa l-oħra jista' jiskandalizza persuna oħra anke jekk mhux bl-intenzjoni li jagħmel dan. Il-gravità tal-att tiddependi

[8] PESCHKE KARL, *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, I, Third Revised Edition 2009, 315-318.
[9] *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, no. 2285, 535.

mill-motivazzjoni u mill-awtorità ta' min ta l-iskandlu; u anke mid-dgħufija tal-kuxjenza tal-persuna li ġiet skandalizzata.[10]

[10] PESCHKE KARL., *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, I, Third Revised Edition 2009, 314-315.

## 2. Il-Liġijiet għandhom ikunu mibnija fuq il-Valuri Umani

L-iskandlu jista' jagħtih kulħadd. Hawn m'aħniex ninkludu biss individwi partikulari; imma anke komunitajiet jew saħansitra s-soċjetà sħiħa tal-bnedmin. Il-K.K.K. jirreferi għal dan f'numru 2286: *"L-iskandlu jista' jingħata wkoll mil-liġi jew mill-istituzzjonijiet, jew mill-moda jew mill-opinjoni pubblika"*.[11]

Rajna diġà li din il-ħaġa hi waħda mill-kawżi tan-nuqqas ta' sens ta' dnub li jinħass fis-soċjetà tagħna llum. Hi tassew sitwazzjoni ironika dik li ninsabu fiha: min suppost iħares il-valuri qiegħed min-naħa tiegħu jipproponi dak li hu ħażin.

### 2.1 L-Għan tal-Liġijiet

L-għan tal-liġijiet umani huwa dak li jiġi mħares il-ġid komuni. Kull bniedem għandu diversi valuri fundamentali miktuba f'qalbu, dawn huma msejħa l-liġi naturali. Takkumpanja din il-liġi hemm il-liġi divina. Madanakollu, tul iż-żmien il-bniedem ħass il-bżonn li jilleġiżla sabiex kulħadd ikun jista' jħares dawn il-valuri fundamentali fil-ħajja konkreta ta' kuljum.

Il-liġi umana hi norma li torbot moralment. L-iskop ta' din ir-rabta jinsab fil-ħtieġa li jiġu mħarsa ċ-ċittadini mill-persuni li jiddeċidu li ma jobdux il-liġijiet u li ma jħarsux il-valuri fundamentali. Din il-liġi jinteressaha biss mill-aġir estern. Għalkemm il-moralità tistħarreġ il-motivazzjonijiet interjuri, li fuqhom wieħed jibni d-deċiżjonijiet tiegħu; il-liġi umana jinteressaha biss li wieħed jobdi l-liġi.

Il-liġi pożittiva hi limitata għal gruppi partikulari ta' nies, eż. pajjiż. Dan hu f'kuntrast mal-liġi naturali li hi liġi universali: għal kull bniedem. Il-liġi umana hi kkundizzjonata mill-istorja, għaldaqstant il-leġiżlatur għandu d-dmir li permezz ta' riflessjoni jagħraf kif hu jista' jgħaddi liġijiet li jħarsu bl-aħjar mod il-ġid

[11] *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, no. 2286, 535.

komuni u jġibu l-ġustizzja. Il-liġi umana hi obbligatorja u għandha tiġi obduta. Fl-istess ħin, f'kuntrast mal-liġi naturali, wieħed jista' jiġi ddispensat minnha.[12]

Kif jista' wieħed iqiegħed ħdejn xulxin il-valur tal-libertà u l-valur tal-ubbidjenza? Meta l-liġi tinbena fuq il-valur profond tal-imħabba u fuq il-valuri profondi tal-liġi eterna, hi ma tkunx tmur kontra l-libertà tal-persuna. Hawn toħroġ l-importanza li l-istess persuna tiġi edukata għall-ubbidjenza. Meta wieħed jifhem liema hu l-ghan veru tal-liġi hu ma jibqax iħares lejha bħalha jasar, imma bħala gwida għal ħajtu. Il-bniedem matur mhux biss ma jiksirx il-liġi, imma jasal li jagħmel opri ta' mħabba li ma jkunux mitluba mill-istess liġi.[13]

F'dan id-dawl il-K.K.K. jgħidilna li: *"L-awtorità ma tiksibx il-leġittimità morali tagħha minnha nnifisha. Ma għandhiex iġġib ruħha b'mod despotiku, imma għandha tfittex il-ġid ta' kulħadd bħala qawwa morali mibnija fuq il-libertà, il-kuxjenza tad-dmir u r-responsabiltà"*[14].

Minn dan kollu nifhmu għaliex il-liġi umana u għalhekk l-awtorità ċivili huma neċessarji. Huma għandhom d-dmir li jiċċaraw għal kulħadd ir-rekwiżiti tal-liġi naturali; huma obbligati li jagħżlu l-mod ta' kif in-nies li jaqgħu taħthom se jgħixu n-normi prattiċi li joħorġu mil-liġi naturali; u għandhom ukoll id-dmir li permezz tas-sanzjonijiet marbuta mal-liġijiet umani jgħallmu liċ-ċittadini jħarsu l-valuri fundamentali marbuta mal-istess liġijiet.[15]

## 2.2 Il-Fundament tal-Valuri Umani

Hu importanti li jiġi enfasizzat li biex liġi tkun torbot moralment din trid tkun liġi ġusta. Il-K.K.K. 1902 jikkwota lil San Tumas t'Akwinu u jistqarr:

*Il-liġijiet tal-bnedmin ikunu veru liġijiet sakemm ikunu jaqblu mar-raġuni ġusta: minn dan jidher li jiksbu l-qawwa tagħhom mil-liġi eterna. Għandhom jitqiesu*

[12]PESCHKE KARL, *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, I, Third Revised Edition 2009, 135-138.
[13] BERNARD HÄRING, *The Law of Christ*, I, 1960, 104-105.
[14]*Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, no. 1902, 455-456.
[15]PESCHKE KARL, *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, I, Third Revised Edition 2009, 140-141.

*inġusti daqskemm imorru 'l bogħod mir-raġuni, għaliex ma jkunux jaqblu ma' dik li hi l-fehma tal-liġi, imma aktar ikunu sura ta' vjolenza.*[16]

L-istat għalhekk m'għandux il-jedd li joħloq in-norma morali għax l-istat hu sottomess għal dak li hu tajjeb u għal dak li hu ħażin. Fil-fatt naraw li ċ-ċittadin għandu d-dritt u d-dmir li ma jobdix lill-istat jekk dan jikkmandah jagħmel att li hu immorali. Bil-liġijiet tagħha l-awtorità ċivili għandha d-dover li tħares il-valuri fundamentali u n-norma morali.[17]

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika tiegħu *Veritatis Splendor* jikkonferma dan kollu billi jikkwota lill-Papa Ljun XIII u jgħid: *"hu essenzjali li r-raġuni u l-liġi umana jkunu subordinati għal-għerf ta' Alla u għal-liġi tiegħu". Dan qalu wara li kkonferma li "l-liġi naturali hi miktuba u mnaqqxa fil-qalb ta' kull bniedem għax mhix għajr raġuni umana li tikkmandana nagħmlu t-tajjeb u naħarbu l-ħażen"*.[18]

X'inhi għalhekk il-liġi naturali? Din hi liġi li torbot lil kull bniedem ta' kull żmien u ta' kull nazzjon għax hi toħroġ mill-istess natura tal-bniedem. Kull bniedem hu msejjaħ li jilħaq l-istess għanijiet eżistenzjali tiegħu, għal din ir-raġuni l-liġi naturali hi t-triq waħdanija li twassal għall-akkwist ta' dawn l-għanijiet. Għalhekk, ħadd ma jista' jiġi ddispensat minnha.[19]

Il-K.K.K. jurina li hemm rabta sħiħa bejn id-dekalogu u l-liġi naturali:

*L-għaxar kmandamenti ġew irrivelati minn Alla. Fl-istess ħin jgħallmuna x'inhi verament in-natura tal-bniedem. Juru x'inhuma d-dmirijiet essenzjali tal-bniedem, u hekk, indirettament, x'inhuma wkoll id-drittijiet fundamentali tiegħu, drittijiet marbutin man-natura tal-persuna umana. Id-dekalogu għalhekk hu espressjoni privileġġjata tal-liġi naturali.*[20]

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika *Veritatis Splendor*, filwaqt li jafferma li Alla fada l-ħolqien kollu f'idejn il-bniedem; anke saħansitra fdalu l-bniedem stess (Sir 15,14), hu jgħid li l-bniedem mhux awtonomu b'mod sħiħ. Fil-fatt hu jikkritika l-kunċett ħażin ta' awtonimija: *"li tqis lill-ħolqien bħala indipendenti minn Alla u li l-bniedem jista' jagħmel użu mill-istess ħolqien mingħajr referenza għal Alla".*

---

[16] *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, no. 1902, 455-456.
[17] *Stato*, in *Dizionario di Teologia Morale*, Roma 1961, p. 1459.
[18] Papa Ġwanni Pawlu II, *Veritatis Splendor*, no. 44 (6 Awwissu 1993)
[19] Peschke Karl, *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, I, Third Revised Edition 2009, 106.
[20] *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, no. 2070, 492.

Meta jiġri dan, il-bniedem ikun qed iwassal lilu nnifsu għall-ateiżmu u anke biex ifaqqar ħafna lilu nnifsu *"għax mingħajr il-Ħallieq il-ħlejqa tiġi fix-xejn"*.[21]

Minħabba f'hekk inqiegħdu l-enfasi fuq il-liġi naturali (eterna), li mhix għajr id-dawl li Alla tefa' fina biex nifhmu x'għandu jsir u x'għandu jiġi evitat. Meta l-bniedem jilleġiżla fil-limiti ta' din il-liġi hu jkun qed iħaddem l-awtomija ġusta li Alla stess, il-Leġiżlatur Divin, fdalu fil-ħolqien. Ħafna jsejħu din l-awtonomija ġusta 'teonomija': il-bniedem li permezz tar-raġuni u tar-rieda, jipparteċipa fl-għerf u fil-providenza infinita t'Alla.[22]

## 3. Is-Sitwazzjoni Preżenti tad-Dinja u l-Missjoni tal-Knisja

Fl-Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio et Paenitentia*, il-Papa Ġwanni Pawlu II wera t-tħassib tiegħu u qal li d-dinja tal-lum (kien qed jitkellem fl-1984) hi dinja mfarrka u mimlija diviżjonijiet. Skont hu, raġuni aħħarija għal dan kollu tinsab fin-nuqqas ta' rispett għad-drittijiet bażiċi tal-persuna umana. Fost dawn hu jsemmi d-dritt tal-ħajja u ħajja ta' kwalità, in-nuqqas ta' libertà speċjalment il-libertà tar-reliġjon, id-diskriminazzjonijiet soċjali, il-vjolenza u t-terroriżmu, l-użu tat-tortura, il-produzzjoni tal-armamenti nukleari u n-nuqqas ta' distribuzzjoni ġusta tal-ġid. Il-Papa jistqarr li l-għerq ta' dan kollu jinsab fid-dnub oriġinali tal-bniedem.[23]

Id-dnub hi azzjoni li twassal lill-bniedem, il-ħlejqa, biex b'diżubbidjenza jinqata' minn Alla li jżommu mal-ħajjin. Hekk permezz ta' dan l-att il-bniedem jinfired minn Alla, mill-oħrajn u mill-ambjent ta' madwaru; imma fuq kollox jidħol f'kunflitt miegħu nnifsu. Dan il-kunflitt iwassal għad-diviżjonijiet tas-soċjetà.[24]

### 3.1 Il-Liġijiet Ċivili u l-Valuri Umani

L-akbar diffikultà ta' żmienna hi l-fatt li naqas ħafna s-sens tad-dnub. Kif rajna, is-soċjetà mhix tgħin sabiex l-individwu jkun jista' jagħraf x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin. Il-bniedem, fid-dinja tal-lum, qed jissielet biex ikun dejjem aktar

[21] *Veritatis Splendor*, no. 39; *Gaudium et Spes*, no. 36,
[22] *Veritatis Splendor*, nos 40-41.
[23] *Reconciliatio et Paenitentia*, no. 2.
[24] ibid., no. 15.

awtonomu. Ir-riżultat ta' din l-awtonomija jidher fil-fatt li hawn sens kbir ta' ribelljoni għal kull forma ta' awtorità. Għadhom friski f'moħħna r-rewwixti li qamu fl-Ingilterra f'Awwissu 2011. Ħafna kienu interpretaw dawn l-avvenimenti bħala sinjal li ċ-ċittadin ma fadallux fiduċja fl-awtorità. Oħrajn raw li ċ-ċittadin jixtieq ikun awtonomu mill-awtorità ċivili. Wieħed minn fost dawk li kienu qed jipprotestaw qal: "din kienet gwerra u għall-ewwel darba aħna konna fil-kontroll għax il-pulizija kienet imbeżża' u mhux aħna konna mbeżża' mill-pulizija"[25]. Il-Prim-Ministru Ingliż kien qal fil-Parlament: "*din ma kinitx protesta politika, imma kienet organizzata minn ħallelin li riedu opportunità biex jisirqu*"[26].

Wieħed jista' jsemmi lista mingħajr ma taqta' ta' eżempji li juru biċ-ċar li aktar mhu qed jgħaddi ż-żmien il-bniedem aktar qiegħed jitbiegħed mill-awtorità bix-xewqa li jkun aktar awtonomu u liberu. Jekk jinħass sens ta' ribelljoni għall-awtorità ċivili, kemm aktar jinħass dan is-sens ta' ribelljoni fil-konfront ta' Alla! Il-Kostituzzjoni *Gaudium et Spes* titkellem mill-periklu tal-ateiżmu, speċjalment dak sistematiku:

*li barra milli jġib raġunijiet kontra l-eżistenza ta' Alla, tant jgħolli x-xewqa tal-bniedem għall-indipendenza tiegħu nnifsu illi tqajjem diffikultajiet kontra kull dipendenza minn Alla... Dawn l-atej jippretendu li l-libertà tikkonsisti f'dan: li l-bniedem huwa fini għalih innifsu, li hu jfassal l-istorja tiegħu u huwa d-demijurgu tagħha.*[27]

Konkretament dan l-ateiżmu sistematiku qed isib postu fl-ambjent leġiżlattiv ta' ħafna mill-pajjiżi Ewropej u anke f'dak ta' pajjiżna. Hu Alla li jagħti sens lil-liġi naturali. Fil-fatt naraw li llum huma diversi dawk li jistqarru li l-liġi naturali hi frott il-kultura u li għalhekk il-bniedem mhux veru li għandu gwida, mogħtija lilu minn Alla, li tgħinu jagħraf dak li hu tajjeb minn dak li hu ħażin.

Meta l-istat jċedi għall-pressjoni tal-maġġoranza (jew inkella tal-minoranzi li llum qed jagħmlu ħoss minħabba l-mezzi tal-midja) u jagħżel li ma jibnix il-liġijiet ċivili fuq fundament sod (il-liġi naturali), hu jkun imur kontra l-istess missjoni tiegħu.

[25] "It was war and for the first time we were in control, like we had the police scared, like there was no more us being scared of the police." *England riots study: Anti-police anger 'was factor'* (5 Diċembru 2011),

[26] "This was not political protest, or a riot about politics, it was common or garden thieving, robbing and looting." Ibid.

[27] *Gaudium et Spes*, no. 20,

L-istat stess ikun qed jippermetti jew joħloq ambjent ta' dnub fi ħdanu. Dan l-ambjent jista' jwassal għall-iskandlu jew saħansitra għas-seduzzjoni ta' dawk l-aktar dgħajfa. Il-K.K.K. 2286 iwissi kontra din il-ħaġa:

*L-iskandlu jista' jingħata wkoll mil-liġi jew mill-istituzzjonijiet, jew mill-moda jew mill-opinjoni pubblika. Huma għalhekk ħatja ta' skandlu dawk li jagħmlu liġijiet jew jibnu strutturi soċjali li jwasslu biex ibaxxu l-imġieba morali tan-nies, jew iħassru l-ħajja reliġjuża, jew, iridu jew ma jridux, joħolqu kundizzjonijiet soċjali li jagħmluha iebsa ħafna, jekk mhux impossibbli, li wieħed iġib ruħu ta' Nisrani kif jgħallmu l- kmandamenti. L-istess irridu ngħidu għall-mexxejja tal-intrapriżi li joħorġu regolamenti li jħajru għall-qerq u l-frodi, għalliema li jġarrbu żżejjed lit-tfal, u dawk li jimmanipulaw l-opinjoni pubblika u jbiegħduha mill-valuri morali.*[28]

## 3.2 Il-Knisja għandha l-missjoni li tumanizza d-Dinja

Importanti li nagħrfu l-missjoni tal-Knisja f'dan l-ambjent. *"Il-Knisja għandha x-xogħol li tagħmel preżenti u kważi viżibbli 'l Alla l-Missier u 'l Ibnu magħmul bniedem billi bla heda ġġedded u tnaddaf lilha nnifisha taħt it-tmexxija tal-Ispirtu s-Santu."* Il-Knisja għandha fuq kollox tagħti "xhieda ta' fidi ħajja u matura, jiġifieri edukata biex tkun tista' tħares ċar f'wiċċ id-diffikultajiet u tirbaħhom".[29]

Il-Papa Benedittu XVI fl-Enċiklika *Caritas in Veritate* jistqarr li l-missjoni tal-Knisja hi dik li tiżra l-imħabba filwaqt li tħeġġeġ għall-ġustizzja u għall-ġid komuni. Hu jgħid li jekk l-imħabba ma tkunx imdawla mill-verità, li hu Kristu, din issir imħabba relattiva. L-imħabba vera hi ġejja biss minn Alla. Mingħajr il-verità, li hu Alla, l-imħabba tiġi ridotta għal sempliċi relazzjoni konvenzjonali.[30]

Fi tmiem is-Sinodu tal-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida, li seħħ f'Ottubru 2012, il-missirijiet sinodali ppreżentaw il-propożizzjonijiet tagħhom. Fil-15 huma ħeġġew lil-leġiżlaturi sabiex jagħtu lill-persuna umana d-drittijiet kollha li jixraqilha. Huma saħqu imma li dawn il-jeddijiet għandhom ikunu mibnija fuq l-liġi naturali. In-numru 17 jitkellem mill-antropoloġija t-tajba, li hija waħda mill-aktar preamboli essenzjali tal-fidi. Din l-antropoloġija tasal għall-valur tal-liġi naturali u

[28] *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, no. 2286, 535-536.
[29] *Gaudium et Spes*, no. 21,
[30] PAPA BENEDITTU XVI, Enċiklika *Caritas in Veritate*, no. 4 (29 Ġunju 2009)

tan-natura tal-bniedem. Fid-dinja tal-lum l-istudju ta' din l-antropoloġija hu essenzjali biex jista' jkun hemm djalogu bejn il-filosofija u t-teoloġija.[31]

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, f'*Reconciliatio et Paenitentia* stqarr li l-Knisja għandha tiġġieled in-nuqqas tas-sens tad-dnub tal-lum billi tgħallem il-katekiżmu, imdawwal mit-teoloġija biblika tal-Patt. Dan għandha tagħmlu filwaqt li jkollha fiduċja u tkun miftuħa għall-Maġisteru tagħha, li qatt ma jieqaf idawwal il-kuxjenzi. Il-Papa spiċċa billi qal li flimkien ma' dan kollu għandha tintrabat il-prattika tas-sagrament tal-qrar.[32]

## KONKLUŻJONI

Fi tmiem dan il-każ nistgħu ngħidu li fid-diskussjoni tal-bidu Joseph kellu raġun. Il-Knisja għandha missjoni speċjali x'taqdi fi ħdan is-soċjetà. Il-Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* f'paragrafu 3 tiddeskrivi din il-missjoni b'dan il-mod:

*Fi żminijietna l-ġens uman, għalkemm mimli bil-għaġeb bl-invenzjonijiet tiegħu u bil-qawwa tagħhom, spiss iżda jqanqal kwistjonijiet li jġiegħluh jitħasseb dwar l-evoluzzjoni attwali tad-dinja, dwar il-post u l-ħidma tal-bniedem fl-univers, dwar is- sens tal-isforzi tal-bnedmin wieħed wieħed u tal-bnedmin ilkoll flimkien, u wkoll dwar l-aħħar skop tal-ħwejjeġ u tal-bnedmin. Għalhekk il-Konċilju... ma jistax jagħti prova akbar... ħlief billi jibda magħhom djalogu dwar dawn il-problemi, jagħti d-dawl li ġej mill-Evanġelju u joffri għall-użu tal-bnedmin l-enerġiji ta' salvazzjoni li l-Knisja, mmexxija mill-Ispirtu s-Santu, tirċievi mingħand il-Fundatur tagħha. Jeħtieġ tkun salvata l-persuna tal-bniedem u tinbena l-għaqda tal-bnedmin. Għalhekk il-qofol ta' dan kollu huwa l-bniedem, imma l-bniedem sħiħ, ġisem u ruħ flimkien, qalb u kuxjenza, dehen u rieda.*

*Il-Knisja mhix immexxija minn xi ambizzjoni tal-ħwejjeġ tal-art iżda tfittex dan biss: li, taħt it-tmexxija tal-Ispirtu s-Santu, tkompli l-istess ħidma ta' Kristu li ġie fid-dinja biex jagħti xhieda lill-verità, biex isalva u mhux jikkundanna, biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi.*[33]

---

[31] *Final List of Propositions of the XIII Ordinary General Assembly of the Synod of Bishops* (27 Ottubru 2012)

[32] *Reconciliatio et Paenitentia*, no. 18.

[33] *Gaudium et Spes*, no. 3,